~~kliem ta' tifsir moħbi, li ma jifhmu ħadd, imbagħad qatgħet griżmejn il-ħaruf u l-għoġol, quddiem l-għajnejn imberqa tat-tfajjel, fost l-għajjat li jtarrax tan-nisa li kienu hemm.~~

~~Hekk, l-iskunġrar ħeles, u r-ruħ ħażina li kienet qegħda tmarrad lit-tifel, kif jaħsbu l-Fellaħîn, kienet imkeċċija minnu. Imma wara erbgħa u għoxrin siegħa, dak it-tfajjel miet! Pulmunite bla mdewwija kienet qatlitu. Il-fehma tan-nies boloħ li kienu ma' dwaru kienet li kellu fih ruħ ħażina, li biex ikeċċuhielu kienu għaddewħ minn dak it-tiġrib ikraħ kollu: tarrxuħ bid-daqq tal-otbla u t-twerżiq; ħanquħ bid-duħħan; u werwruħ bil-qtil u d-demm tal-bhejjem midbuħa, minn flok ma tawħ ftit antibjotki, li kienu jgħinuħ. U hekk dak il-ġenn kollu ma kien sewa għal xej!~~

~~PATRI LINO CAPPIELLO O.F.M.~~

# MAMMA!

Hemm isem isbaħ mill-ismijiet kollha; ohla mill-frott u mill-għasel kollu; egħżeż mill-ġawhar u d-djamanti kollha; dan l-isem tal-għaġeb hu **MAMMA**!...

Huwa l-għaqda, ir-rabta, tal-ħajja ta' kull bniedem, għax fih jinġabru l-uġigħ, il-għaxqa, il-ferħ u d-wir fit-naqqix ta' xbieħat għonja, fil-qagħda u fit-taqsim tal-lwien. Isem, li f'kull żmien fost ġins bin âdam kien il-qofol tal-qima u t-tifħir ta' kull xirka.

Bil-waqgħa ta' Adam u Eva l-ewwel missier u omm tagħna, Alla, f'daqqa, ċaħħadna mill-wirt tagħna. Il-Ġenna,



*L-artal fil-Grotta-Kappella tal-Madonna tal-Ħalib, f'Betlehem. Ġewwa nniċċa fuq l-artal hemm statwa, li tidher fir-ritratt li ġej.*

dwejjaq, l-imħabba u l-istekkriħ, u l-qawwiet kollha maħżuna u moħbija fil-qalb ta' kull ħaj maħluq. Huwa l-isem li nebbaħ lill-akbar poëti taqbil tal-ogħla benna, fil-għamla u fir-reqqa tal-ħsus u l-ħsebijiet. Hu li tagħa l-lehma lill-imgħallmin tat-tis-bil-hena tagħha kollu, li kienet tkun tagħna wara ftit żmien ta' qagħda f'din id-dinja, tlifnieha; u bħala qsâs, Adam u flimkien miegħu aħna, stħaqqejna għadab Alla u l-infern. Imma Alla, li Huwa ħin wieħed ħanin bla tarf u tajjeb, li jibqa' jħobbna u jaħ-

seb fina saħansitra wara li aħna nkunu dawwarnielu daharna, bħal ma wriena l-egħmil ta' tjubitu meta ħalaqna, ried jerġa' jurina egħmil ieħor akbar minn ta' qabel, billi jifdina. U liema kien dan il-egħmil? Lilna aktarx jiġina f'moħħna l-ħsieb ta' xi ħaġa ħafifa u li teħles malajr, jiġifieri dik li Alla jaħfer lill-Adam u Eva d-dnub tagħhom, inkellha jibgħat Anġlu mis-sema fl-art biex iħallas għaliehom il-ħaqq tar-regħxa li kienu regħxuh bin-nuqqas tagħhom, meta ma ħarsux kliemu. Dawn il-egħmejjel u egħmejjel oħra, Alla sata' tas-sew jagħmilhom, imma kull wieħed minna jintebaħ li huma, għal kemm juru, ftit jew wisq, il-qawwa u l-imħabba t'Alla lejna, ma kienux ikunu biżżejjed biex iħallsu kif jixraq u għal kollox il-ħaqq tiegħu. Ried ikun xi xogħol aktar għoli, aktar kbir, wast aktar sabiħ, li m'hux biss jeħlisna mid-dejn m'Alla, imma juri wkoll, ħin wieħed, il-qawwa u l-ħaqq u l-imħabba tiegħu lejna. U Alla, dan il-wast, egħmiq u moħbi, fil-għerf bla tarf tiegħu, sabu.

Għal hekk ħabbar lin-nies kollha li hu kien bi ħsiebu jibgħat fid-dinja lill-Ibnu l-Waħdani biex jitwieled minn Mara. Imma ż-żmien sewwa li fiħ dan kellu jiġri, baqa' magħruf minn Alla biss, u hekk għaddew eluf ta' snin mit-tħabbira ta' din il-Wegħda Kbira sas-seħħ tagħha. Fl-aħħar, Ġesù Kristu, it-Tieni Ras tat-Tletija Mqaddsa, u wkoll Alla, ħa l-ġisem u r-ruħ u twieled u għex fostna bħal wieħed minna, u fl-aħħar miet imsallab.

Il-MARA, "kiebja, imma għolja aktar minn kull ħaġa oħra maħluqa", li fil-ġuf tagħha Alla kellu jgħammar għal disa' xhur sħaħ, u li minnha kellu jieħu l-imsejken ġisem li jmut, bħal tagħna, kienet magħżula mill-qedem. Dan hu il-għaliex kienet imnissla mingħajr tebgħa. L-Arkanġlu Gabrijiel, mibgħut minn Alla, deher lil din it-Tifla Safja ta' Nażaret u sellmilha bħala: "Mimlija bil-ħajr!", u ħabbarha li hi kellha tkun l-Omm tal-Ħellies, l-imwiegħed u mistenni.



*Betlehem — L-istatwa tal-Madonna tal-Ħalib, fin-niċċa fuq l-artal.*

Imma ried, qabel kollox, il-ħalla u l-għoġba tagħha, biex jingħatalha ġiħ kbir bħal dak. U Marija meta semgħet dan il-kliem, tħawdet għall-ewwel, imma mbagħad baxxiet rasha u qagħdet għar-rieda t'Alla, u wieġbet lill-Anġlu: "Hawn jiena, qaddejja t'Alla; isir fija dak li jrid Hu!"

Bil-ħalla ta dik it-Tifla li ssir Omm Alla, il-Misteru l-Kbir wasal fit-temma tiegħu, u s-Sliema bejn l-art u s-sema, reġgħet seħħet. Ma baqgħux aktar fid-dinja nies misħuta, milqutin minn għadab Alla, imma seħħet ftehima ġdida, ftehima ta' għaġeb u ta' barka, bejn Alla u wlied Adam, li biha Alla raġa' sar Missierna u aħna sirna wliedu.

"Issir fija r-rieda t'Alla!" Malli Marija lissnet dawn il-kelmiet saret Omm Alla, u omm tagħna fir-ruħ. Meta laqgħet fil-ġuf safi tagħha lil Dak li jagħti l-grazzja, leqgħet ukoll lilna fir-ruħ u fis-serr, imma wkoll fil-ħaqq u s-sewwa, bħala wliedha u bħala aħwa ta' Ġesù. "Mill-ħin li fih Marija nisslet lil Ġesù, refgħet ukoll lilna miegħu fil-ġuf tagħha", kif qal tajjeb wisq san Bernardinu ta' Siena. Bħal ma Ġesù twieled għalina fuq l-art, hekk aħna bis-saħħa tiegħu twelidna għas-sema, għax għal ruħna nfetħet triq wiesgħa u ġdida, u fil-ġnien ta' qalbna reġgħu dehru wardiet il-hena. U Marija li saret omm tagħna bil-jedd fit-tnissil ta' Ġesù, saret ukoll omm tagħna fil-fatt waqt il-mewt ħarxa tiegħu fuq is-salib.

Jingħad li t-tbatija hija l-forġa fejn jinħadmu l-ġenji. Omeru sawwar l-akbar żewġ taqbiliet tiegħu, l-Odisseja u l-Iljadi meta waqgħet fuqu d-dalma tal-għomi; Dante Alighieri kiteb il-kummiedja li għal ġmielha n-nies ta' wrajh semmew *Divina*, ma' tul iż-żmien imdejjaq u twil tan-nefi. Beethoven kiteb l-isbaħ biċċiet tal-mużika tiegħu meta waqgħet fuqu il-għilla tat-truxija. U bħal ġenju hija wkoll l-imħabba, għax l-imħabba wkoll tinkixef u tingħaraf waqt id-dwejjaq. U fuq il-Kalvarju dehret b'dehra ċara u tal-għaġeb l-imħabba t'Alla lejna, fil-misteru tas-seħħ tal-helsien ta' nisel ulied Adam. Is-salib ta' min jistħajjlu fanal, jiddi fil-għoli u jdawwal lid-dinja kollha.

Kien fil-waqt tal-aħħar nifs ta' Ġesù qabel ma miet fuq is-salib li dawwar għajnejh imdemmgħa lejn l-Omm ħanina tiegħu, u qalilha, waqt li wrieha lil Ġwanni: "Mara, ara 'l ibnek!". U mbagħad qal lil Ġwanni: "Ara 'l ommok!" Jien naħseb li ma jistax ikun li tinsab paġna fil-kotba kollha tad-dinja li fiha miktub kliem isbaħ minn din il-kelma. Fiż-żagħżugħ li Ġesù ħabb, huma magħduda wlied Adam kollha li f'dak il-ħin saru wlied milqugħa ta' Marija. Għaġeb li ma jinqiesx ta' mħabba, li jsembaħ fina ċaqliq biex infaħħru u niżżu ħajr 'l Alla u nafdaw fil-ħniena tiegħu u nafulu l-ġid bla qjies li għamel magħna. Aħna issa għandna Omm li hija wkoll OMM ALLA. Omm hekk kbira u hekk twajba. Hi għandha qawwa kbira fuq il-qalb tal-Iben tagħha, u tharisna u taħmina quddiem il-ħaqq t'Alla. U kemm il-darba wriet imħabbitha lejna sa miż-żmien li kienet għadha tgħix hawn magħna fid-dinja! Araw il-ħniena u l-għajnuna ħelwa tagħha fiż-żjara li żaret lil qaribitha Elizabbetta. Il-ħniena tagħha maż-żewġ għarajjes ta' Kana u l-qawwa tagħha ma' Binha Ġesù, li għal kelma tagħha għamel l-ewwel għaġeb tal-ħajja tiegħu bħala Messija. U wara t-tlugħ tagħha fis-sema, hija ma ħdietx tisma' talbna u tgħinna. Kemm grazzi naqilgħu bil-għajnuna t a g ħ h a! Kemm fejqanijiet fil-ġisem u fir-ruħ tagħna.

Min jgħin lil Martri li jżommu twemminhom? . . . Min jgħin lil Verġni li jħarsu s-safa tagħhom? . . . Min jagħti s-saħħa lill-ommijiet u lill-għarajjes u lir-romol, u sabar lixxjuħ, lil morda, u lil ħabsin? Ħadd għajr Marija, l-Omm minn tagħna.

il-qassâma tal-grazzi kollha, il-għajnuna ta' dawk kollha li jitolbuha.

Imma l-ħaġa li tgħaġġeb l-aktar hija l-ħniena u t-tjieba li Marija turi dejjem mal-midinbin. Kemm nies ħżiena biddlu ħajjithom bis-saħħa ta xi naqra ta santa jew xi statwa żgħira, u fuq kollox bis-saħħa tat-talb tagħha! Għad jiġi jum li aħna wkoll inkunu nafu kemm ħa'r għamlet għalina; kemm grazzi tagħtna bla ma nafu; kemm tnebbiħ fuq x'għandna nagħmlu; kemm tbegħid mit-tiġrib, li, li kieku ma kenitx hi kien iġibna f'għali kbir jekk ukoll m'hux fit-telfien ta' ħajjitna u ta' ruħna!

U meta naħsbu f'dan il-ġid kollu, f'din l-imħabba kollha, u dan il-ħsieb kollu, kif għandha tkun l-imġieba tagħna ma' din l-Omm il-Ħanina? Biex inkunu nafu, għandna nieħdu bħala mera l-imħabba, l-ubbidjienza il-qima, il-ġiħ li joħorġu weħedhom minn qalbna lejn l-omm tagħna tad-dinja li bl-uġiegħ wilditna u bittbatija rabbietna. Imma hemm aktar għaliex nuru qima, ġiħ, ħajr u mħabba lejn din l-Omm tagħna tas-sema, li fost l-uġiegħ bla qjies ta' qalbha wilditna għal ħajja tal-grazzja u bittalb u l-għajnuna tagħha qegħda tmexxina lejn il-ħelsien min-niket ta' din id-dinja u l-wasla bis-sliema filhena tal-Ġenna!

P. AWRELJU BORKOWSKI
O.F.M.
(*Segretarju tal-Kustodja tat-T.S.*)

# GHALIEX IL-FESTA TA' SAN GUZEPP ISSIR FID-19 TA' MARZU

Il-Festa ta' san Ġużepp, Għarus tal-Verġni Marija, u Missier maħsub ta' Sidna Ġesù Kristu, issir dażżmien, fid-19 ta' Marzu. Monsinjur Righetti f'waħda mill-kitbiet tiegħu fuq il-Festi tal-Knisja, kiteb hekk: "Għal liema għan mis-seklu XIII 'l hawn kienet magħżula din id-data, ma nafux ngħidu" (1). U mbagħad isemmi dan li ġej: "Kieku dil-festa kienet wisq aktar qadima, kien jinsab qbil tagħha mal-festa ta' Minerva, li kienet titħares f'Ruma fid-19 ta' Marzu, u kienet il-festa tan-nies tassnajja' kollha, bħalli kieku kienet festa kbira tax-xogħol, bħal dik ta' l-Ewwel ta' Mejju. San Ġużepp kien ĦADDIEM, fil-veru tifsir tal-kelma". (2).

Aħna ma nifhmux li din it-titrifa għandha tittieħed fil-milja tagħha kollha, u għal hekk sa naraw insibux xi raġuni li taqbel aktar mal-festi tal-knisja.

L-ewwel raġuni Liturġka hija li d-19 ta' Marzu jista jaħbat f'wieħed mill-jiem li jiġu bejn il-Ħamis ta' wara l-Ewwel Ħadd tar-Randan, meta Ħadd il-Għid, imbagħad, jaħbat fil-25 t'April; u Ħamis ix-Xirka, meta Ħadd il-Għid jiġi fit-22 ta' Marzu. Fit-tielet Ġimgħa tar-Randan naqraw l-Istorja tal-Patrijarka san Ġużepp, u fl-ewwel Notturn tal-Uffizzju ta' san Ġużepp, it-tagħlimiet huma meħudin minn dik l-istorja, fejn il-Patrijarka Ġużeppi bin Ġakobb huwa meħud bħala xbiha Profetka ta' san Ġużepp. Għal hekk il-festa ta' san Ġużepp hija mqegħda f'jum li jiġi dik il-ħabta. Ir-raġuni hija mportanti ħafna u għal hekk jaqbel li nitħaddtu fuqha aktar fit-tul.

Ktibna banda oħra (3) u wrejna li